**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-28 ta' April 2022**

**Rikors Numru : 405/2021JPG**

**Kawza Numru : 18**

**AP**

**Vs**

**KC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AP, datat 10 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi huwa zzewweg lil KC permezz ta' cerimonja religjuza celebrata fil-Knisja tal-Immaculata Kuncizzjoni Bormla nhar il-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom tifla bl-isem ta' EPC li twieldet nhar X, certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok B, u li dejjem inghata manteniment regolari ghaliha skond il-kuntratt ta' separazzjoni hawn taht imsemmi,*

3. *Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni peronali datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju, tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), liema kopja qed jigi hawn anness u mmarkat Dok C;*

4. *Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet;*

5. *Illi skond l-emendi fil-Kodici Civili maghmula mill-Att XXV tal-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), senjatament fl-artikolu 66B, il-partijiet huma separati bil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, u l-wild minuri minn dan iz-zwieg qeghda tircievi manteniment adekwat ghaliha skond il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, u ghaldaqstant jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet AP u KC skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi ghalhekk ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:*

I. *Tiddikjara z-zwieg tar-rikorrenti AP minn ma KC mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

II. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;*

*U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjes karigu tal-esponenti f'sehem indaqs bejniethom.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' KC datata 12 ta' Novembru 2021, a fol 32 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jinghad illi mhux kontestat li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Mejju 2006 u lanqas m'huwa kontestat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Debono, nhar il-25 ta' Gunju 2020;*

2. *Illi madanakollu jinghad li ghalkemm huwa minnu li l-manteniment pattwit bejn il-partijiet, ghall-minuri, qed jithallas, mhux l-istess jinghad ghall-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u extra-kurrikulari tal-bint minuri kif maqbul fil-kuntratt;*

3. *Illi dan jirrizulta ampjament anke mir-rikors promotur, f'liema r-rikorrenti jiddikjara illi m'hemm ebda pendenza ta' manteniment, izda ma jaccenna xejn dwar l-ispejjez tal-bint li huma dovuti minnu skond l-istess kuntatt;*

4. *Illi effettivament ir-rikorrent jaghzel li ma jhallasx ghall-ispejjez ta' sahha (straordinarja) u edukazzjoni u dan minkejja jkun infurmat bl-istess u anke jigu mghoddija lilu kopja jew ritratt ta' l-ircevuti relattivi regolarment u filfatt sal-lum, hemm l-annessi spejjez tal-minuri, liema ghandhom kollha pendenti u dovuti mir-rikorrent, fl-ammont komplessiv ta' Eur 5,064.22 (Rendikont u ricevuti komplessivament mmarkati Dok KC);*

5. *Illi ghalhekk hemm arretrati f'dan ir-rigward, liema spejjez huma wkoll formanti l-manteniment. Fil-fatt l-artikolu 19 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghix car u tond hekk:*

   *(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies is-sahha u l-abitazzjoni.*
   *(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu wkoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzoni taghhom.*

6. *Illi ghalhekk ir-rikorrent ghandu l-ewwel u qabel kollox jissalda dawn l-ispejjez sabiex it-talba tieghu ghal divorzju tkun tista tipprosegwi;*

7. *Illi finalment l-esponenti topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-procedura odjerna li ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' KC datata 14 ta' Marzu 2022, li permezz taghha ddikjarat illi l-arretrati dovut gew saldati u ma ghadx hemm ebda pendenzi, u stiednet il-Qorti tghaddi ghas-sentenza; (vide fol 73).

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AP xehed** (vide affidavit, fol 30) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-5 ta' Mejju 2006 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat nhar il-25 ta' Gunju 2020. Iddikjara illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom u jixtieq li jifforma familja ohra. Xehed illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**KC** xehdet (vide affidavit fol 74) u kkonferma u kkorraborat dak li xehed zewgha. Ghalkemm ikkonfermat illi l-arretrati gew saldati fil-mori ta dawn il-proceduri, hija opponiet ghal-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirriulta sodisfacentement pprovat illi il-kontendenti kienu zzewgu nhar il-5 ta' Mejju 2006, liema zwieg igib c-certifikat numru 457/2006 (Vide certifikat taz-zwieg fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar il-25 ta' Gunju 2020 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 7 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi wara l-hlas fil-mori tal-kawza tal-arretrati tal-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tat-tifla, da parti tal-attur, illum il-gurnata ma ghadx hemm pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 457/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**